# IL-QARĊILLA

Kitba taż-żwieġ bejn Silvana Silvatku
u Karmenu-Karistu Karwana



ILLUM IS-16 TA' FRAR 2015

Ħbieb tiegħi, hawn iltqajna
Biex nagħmlu dal-kuntratt taż-żwieġ,
U b'mod legali u uffiċjali
Niktbu dak kollu li jeħtieġ;
Daż-żwieġ bejn koppja ġentilissima,
Silvana, bint is-Sur Ġann, neguzjant tat-tessuti,
U Karmenu-Karistu
Bin Ernestu Karwana
Editur ta' sitt gazzetti falluti.
Ħarsu ftit lejn l-għarusa,
Forsi tidher ftit goffa u raffa,
Għax issa qabżet il-ħamsin sewwa
U missierha beża' li tibqagħlu fuq l-ixkaffa.
Imma għadha verġni u pura,
L-ebda raġel qatt ma ċappasha bi ħmieġ,
U hemm l-isbaħ ċans li tibqa' verġni u pura
Anki wara ż-żwieġ.
Għax kif qed taraw, dan l-għarus tagħha,
Qabiżhom sew is-sebgħin sena,
U ż-żiemel li dari kien jippinna u jgħolli rasu
Illum spiċċa u nfena.
Iżda missierha għandu sold sewwa
Għax fin-negozju mhux ċuċ,
Nittamaw li se jagħtiha dota tajba...
Għalkemm jgħidu li hu xħiħ daqs Scrooge.
Meħejjew ħa nibdew din il-kitba
Hawnhekk quddiemi bħala nutar,
U intom tkunu xhieda, ġentili sinjuri,
Illum is-sittax ta' Frar.

Missier l-għarusa għall-ewwel kien jopponi
Dan iż-żwieġ tagħhom, u kellu oġġezzjoni,
Għax dari l-għarus kien ħarab ħarba
Meta nqabad bi frodi xi għoxrin darba;
U ngħata sentenzi ta' ħabs bi ħruxija
B'kollox sitt snin priġunerija;
Iżda dan ma ġab l-ebda kriżi,
Għax kienu kollha sentenzi sospiżi;
U l-għarus, twajjeb daqs il-qaddisin,
Qatt ma rifes l-għatba ta' Kordin.



Għalkemm kif diġà smajtu, illum dil-koppja
Tidher daqsxejn kajmana,
Missier l-għarusa qed jesiġi
Li xorta jridu jmorrru l-kors ta' Kana.
Għax hemm, mhux biss jgħallmuhom
Dwar it-tbagħbis kif għandu jsir,
Imma wkoll kif jaffrontaw il-ħajja
Meta jinqalgħalhom xi inkwiet kbir,
U għalkemm l-għarusa f'nofs il-menopawsa,
U l-għarus nesa fejn tinsab il-kanna,
Ma tafx kif jiġri xi miraklu
Bħalma kien ġara lil Sant'Anna.
U billi llum il-mara emanċipata –
Mhux hija biss li tnaddaf u tlesti l-borma –
L-għarus irid jitgħallem kif ibiddel ħarqa
U kif lit-tarbija jimsħilha sormha.

***NOTA: Din li ġejja titkanta fuq il-melodja ta'***
*"Lanċa Ġejja u Oħra Sejra."*
*L-ewwel u t-tielet vers (li jibqgħu dejjem l-istess)*
*jitkantaw mill-pubbliku, waqt li t-tieni u r-raba'*
*(li jinbidlu kull darba) jitkantaw mill-Kor.*
***Udjenza:** **Oh xi ħlewwa ta' rigali***
***KOR:** **Tant prezzjużi u speċjali,***
***Udjenza:** **Għaliex waqt li jgerbu s-snin,***
***KOR:** **Jibqgħu sodi u tajbin.***

Missier l-għarusa qed jagħtikom dar,
Li fiha kollox postu u mill-aħjar,
Sa għandkom *cooker, fan* u anki *heater,*
U anki daħħlulkom is-Smart Meter,
U dan qed jagħtuhulkom tant bi rħis,
Għax diġà fih maħsub daqsxejn tbagħbis;
U jekk tinqabdu, niggarantilkom jiena,
Li ma teħlux intom ... imma l-ħaddiema.
Iżda ta' min ngħidulkom illi did-dar,
Hi *penthouse* mibnija fuq għoxrin sular,
U ngħid għalija, jiena ma nifhimx
Kif il-lift tagħha għadu ma jaħdimx.
Għalhekk għalissa jkollhom jagħlqu għajnejhom
U t-taraġ jitilgħuh kollu fuq riġlejhom.

Allura jiena nissuġġerexxi li immedjatament
L-għarus ifittex jagħmel it-testment.
U hekk l-għarajjes jidħlu ġo dar ġdida,
Fejn kollox irranġat u armat pulit,
Hekk bħalhom se jagħmlu d-deputati,
Se jidħlu huma wkoll f'parlament ġdid;
Jalla, l-għarajjes, fid-dar ġdida tagħhom
Imħabbithom tagħmel progress,
Mhux bħad-deputati, li għalkemm jibdlu l-binja
Kollox jibqa' l-istess.

Kif qed taraw, xejn m'hawn li sar bl-addoċċ,
Rigal imiss mill-Aġenzija Appoġġ.
Biex imħabbithom dejjem tkun fiż-żgur,
L-Appoġġ qegħdin jaħsbulhom għall-futur,
Għalkemm dan ir-rigal, li jiswa l-flus,
Jidher li donnu aktar għall-għarus;
Fil-fatt hi tgawdi minnu mhux bi ftit
Għax bih, il-gost tas-sess hu ggarantit.
Se jtuha gradenza bil-kaxxi fgata
Kollha Viagra sa fuq ippakkjata,
Għax peress li l-għarusa tkun trid sehemha
U l-għarus għandu daqsxejn problema,
Sabiex il-bejta tibqa' sħuna,
L-għarus irid isib kemxejn għajnuna.
Għalhekk hawn għandkom dil-ħażna kbira
Avolja ż-żiemel beda tirtira,
M'hemmx għalfejn rasu jibda jħokk
Li l-pilloli jkunu *out of stock*.
U b'hekk l-għarusa ma tibqax mixtieqa,
Iż-żiemel lest se ssibu għat-tellieqa;
Għax b'doża ċkejkna b'daqstant potenza,
Fejn teħel in-natura, tkompli x-xjenza.
Jalla meta tasal l-azzjoni tassew
Il-pilloli ma jkunux skadew.

***Udjenza:*** ***Oh xi ħlewwa ta' rigali***
***KOR:*** ***Għaċ-ċwieċ kollha ideali,***
***Udjenza:*** ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,***
***KOR:*** ***Jibqgħu xorta imnejkin.***



Mingħajr ebda ħażen jew malizzja
Rigal qiegħda toffrilhom
Daphne Caruana Galizia,
Qed twegħidhom li bi kwiethom se tħallihom
U fil-blogg tagħha qatt ma tgħid kontrihom.
Mhix se tgħid li huma nies ħżiena
Jekk imorru jieklu xi mkien Tas-Sliema;
Jew jekk mil-Lidl jagħmlu xirjiet kbar,
Jew 'k jiktbu nota bil-Malti lit-tfal.
U dan xejn mhuwa faċli illi jsir
Għaliha se jkun sagrifiċċju kbir;
Anzi ... kull ġimgħa se tibda tfaħħarhom,
U bi kliem mill-isbaħ issaħħarhom.
Daqslikieku qed jitkellem l-oraklu...
Dan verament se jkun l-akbar miraklu.

Meta l-għarus kien għadu jbigħ is-saħħa,
Kien joffri elf ewro, bil-ħeġġa u l-qdusija,
Biex fl-Imġarr, ikun jista' jerfa'
Fil-vara ta' Santa Marija.
Imma llum, li s-snin bil-ħeffa taru
U l-bagħal qed iħoss li kiser dahru,
Bilkemm jiflaħ jerfa'xagħra...
Aħseb u ara l-vara.
Għalhekk qed jiddikjara
Li biex l-offerta tibqa' *safe & sound*
L-elf ewro jpoġġihomlhom
Ġo *virtual account.*

B'ħafna mħabba u affezzjoni
Simon Busuttil, Kap tal-Oppożizzjoni,
Jixtieq joffrilhom rigal ... għal wieħed, tnejn,
Imma ħej, il-Partit għandu tilja dejn.
B'dan kollu, biex ma jħallihomx bir-riħa
Joffrilhom abbonament fit-tombla għal sena sħiħa,
U anki biljetti b'xejn u f'post speċjali
Meta jtellgħu l-fares fid-Dar Ċentrali.
U bħala rigal ċkejken, li jkun żgur apprezzat,
Se jibagħtilhom ritratt tiegħu ... iffirmat.

Tal-*Community Chest Fund* qed jagħtuhom
Xi ħaġa tqum il-flus ... biex iferrħuhom,
Sett tat-TV minn dawk il-ġodda
Sett ideali għall-kamra tas-sodda,
Biex wara li jkunu, bl-akbar qdusija,
Qalu t-talb kollu u l-litanija,
Joqogħdu bi kwiethom fil-ġenna mitlufa
Jaraw *Katrina* jew iċ-Ċaqqufa
U l-għarusa min jaf kif tħossha fil-glorja
Xħin tara lis-Salv jitkellem fuq l-istorja;
Jagħti b'rasu jiċċaqlaq u jxejjer idu
Qisu għandu l-Ballu San Vitu,
U xħin tarah, l-għarusa tinfexx twerżaq,
"Aħħ ... żommuni.
Ostra xi ħlew ... qisu George Clooney."

| | |
|---|---|
| ***Udjenza:*** | ***Oh xi ħlewwa ta' rigali*** |
| ***KOR:*** | ***Veru vojta u banali,*** |
| ***Udjenza:*** | ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,*** |
| ***KOR:*** | ***Jidhru dejjem imgerfxin.*** |

Idea mill-isbaħ... oriġinali tassew,
Ġiet lid-deputati tal-Parlament Ewropew.
Forsi ġieli smajtuhom jagħmlu appell
Lil min irid jitla' vaganza Brussell;
Qed joffru jtellgħukom taraw fejn jikkrea
Il-ġid tal-Unjoni Ewropea;
U hemm tmorru *shopping* f'dik il-belt famuża,
Għax bejnietna, iż-żjara fl-E.U. hi biss skuża.
L-aqwa li ssiefru bil-benedizzjoni
U l-appoġġ kollu tal-Unjoni.
U għal din il-vaganza, l-AirMalta taqdikom,
Għax lesta t-titjira b'xejn tagħtikom;
Basta ġol-basket ittellgħu galletta,
Ftira biż-żejt, xi ġbejna jew zalzetta,
Għax l-AirMalta, minħabba l-baġit strett,
Tista' toffrilhom biss nitfa *baguette*.
Bħal donnhom reġgħu lura dawk is-snin
Magħrufa għall-issikkar taċ-ċintorin.



U issa offerta mill-iżjed għaqlija,
Mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija,
Hawn qed jagħtihom karozza armata,
Għal kull ċirkostanza attrezzata,
Għandha l-*body* u l-azzar tat-truf,
Maħdum apposta, kollu *bullet proof,*
Biex jekk ma' karozza oħra tagħmel kuntatt,
U forsi tqaċċat il-mera ta' xi ħadd,
U dan, f'sitwazzjoni prekarja,
Jisparalhom xi żewġ tiri fl-arja,
U forsi jgħidilhom minnufih,
"Dar-*revolver* kollu fuqkom naħlih."
Ma jħabblu xejn rashom ... m'hemm l-ebda ingann,
Isuqu b'kemm għandhom ... qishom *hit and run.*

L-għarus solennement qiegħed iwiegħed
Li jieħu lill-għarusa,
Mhux għal San Girgor u l-Imnarja
Imma xi ħaġa aktar brijuża.
Jeħodha għall-festa tal-qara' aħmar il-Manikata,
Il-Ħamrun għall-festa taċ-ċikkulata,
L-Imġarr għall-festa tal-frawli ħamrana,
Ħal Qormi għall-festa tal-banana,
Imbagħad dlonk jaqbdu r-rotta
Lejn Ħal Kirkop għall-festa tal-irkotta,
U fl-aħħar nett jeħodha festa festun
Ħa jdewwaqha żejt iż-Żejtun.
U forsi tul dal-festi jinzertaw
Xi raħal fejn jiksru r-rekord jippruvaw
Tal-akbar mejda għall-ikel armata,
Tal-akbar pizza jew l-akbar ċikkulata,
Tal-akbar figolla ... tal-akbar kejk,
Tal-aktar raħal li jaf jaqa' għan-nejk.
Għax ħaqqu pajjiżna kull ġieħ u tifħir
Ta' kemm fi ċkunitu jaf jara kbir.

Il-President qiegħda toffrilkom salt rigali
Li huma tabilħaqq "Presidenzjali":
Żewġ biljetti qed tagħtihomlkom b'xej'
Għall-quddiesa tal-Milied ta' nofs il-lej';
U twegħidkom li għall-quddiesa tal-Bambin Ġesù,

Ma jkollkomx għalfejn toqogħdu fil-kju,
U jkollkom tisimgħu, f'dak il-lejl għażiż,
Il-kant tal-quddiesa kollu bl-Ingliż.
U wara: għal *breakfast* ... fejn tkun servuta
Tazza *mulled wine* u kikkra imbuljuta.
Toffrilkom ukoll okkażjoni ġenwina
Li tmorru twieġbu t-telefown nhar l-Istrina,
U bla ma tinħass li qed tistona,
Tistedinkom tieħdu sehem fil-maratona;
U jekk l-għarus ma jwassalx sal-finali
Tagħmillu funeral statali.

| | |
|---|---|
| ***Udjenza:*** | ***Oh xi ħlewwa ta' rigali*** |
| ***KOR:*** | ***Basal, ġdur u qara' bagħli,*** |
| ***Udjenza:*** | ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,*** |
| ***KOR:*** | ***Jisfaw vojta u msewsin.*** |

L-Għaqda Poeti rigal qiegħda toffrilhom:
Flimkien ma' ħafna benefiċċji varji,
Ġentilment qiegħda taħtarhom
Membri onorarji.
Anki jekk tiktbu biss taqbila bħal mhi din,
Jew xi kurunella f'ġieħ San Ġwakkin,
Jew ma kitbu xejn minn daw'
Xorta jikkwalifikaw.
Imbagħad ikollhom ċans li jikkompetu
F'xi konkors letterarju ġo Sqallija
U hemm żgur jirbħu premju,
Jekk mhux tal-ewwel, tat-tieni ... b'garanzija.

Il-Ministru tas-saħħa, mhux biċ-ċajt.
Se jagħtikom rigal tassew orrajt,
Peress li issa l-biċċa bdiet tindara,
Li r-raġel kultant jitħajjar isir mara,
Forsi minħabba ċertu stress
Jiddeċiedi li jibdel is-sess;
Allura jekk kollox jinqaleb
Minn quddiem għal wara,
U l-għarusa ssir raġel,
U l-għarus isir mara;
Iħabblu rashom m'hemmx għalfejn



Il-Mnistru joffrilhom l-operazzjoni b'xejn.
U biex ma jħallux żmien wisq għaddej
Inqabbiżhom il-*waiting list* ta' Mater Dei.

U issa se nagħtukom ħaġa għażiża
Li għalikom forsi tkun sorpriża,
Il-Papa sar jaf bikom, u ħerqan
Bagħtilkom il-barka tiegħu mill-Vatikan;
Bagħathielkom illum, fil-Karnival,
Mal-isqfijiet tal-pajjiż u l-Kardinal;
***(jew: Mal-isqof il-ġdid u l-Kardinal)***
Biex tgħożżuha u tapprezzawha
U ġo gwarniċ mill-isbaħ tiffrejmjawha.
U jekk nhar it-tieġ ... preċiż fil-ġurnata
F'sorpriża tirċievu telefonata,
Sejħu fis lil ħbiebkom u lil-qraba
Għax x'aktarx ikun il-Papa.
U b'hekk ikollkom garanzija
Li ż-żwieġ tagħkom ikun mimli qdusija,
U jkollkom il-barkiet
Tal-art u tas-smewwiet.

| | |
|---|---|
| ***Udjenza:*** | ***Oh xi ħlewwa ta' rigali*** |
| ***KOR:*** | ***Dawn tassew sentimentali,*** |
| ***Udjenza:*** | ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,*** |
| ***KOR:*** | ***Jisparixxu fi ftit ħin.*** |

L-għarusa wkoll, illum tixtieq biss dan:
Li żewġha jġib il-liċenzja tas-sewqan,
Għax diġà xebgħet b'din il-litanija
Li għal kull post ikollha twasslu hija;
Hemm bżonn jagħmel kuraġġ u ma jibżax
Jipprova jsuq u qalbu ma jaqtax...
It-traffiku f'Malta mhux veru żdied
M'hawnx konfużjoni,
Dil-ħaġa hija biss, biss ... perċezzjoni.

L-għarusa għandha ċerta fissazzjoni
Li żewġha jikkontesta l-elezzjoni;
Għaliex ... peress li dan qisu immuffat
Għandu ċans kbir li jilħaq deputat,

Iżda jeħtieġ iwegħidha, illi f'dax-xenarju,
Flok segretarja jkollu segretarju,
U hekk ikun qiegħed juriha
Li żgur m'għandux ħsieb ikorniha.
Jekk forsi mbagħad dan żewġha
Imut waqt il-leġiżlatura,
Hi tiret pensjoni mill-aqwa
U tgħix ta' armla sinjura.

L-għarus hawn qed iwiegħed lill-għarusa
Li għas-sena li ġejja,
Jeħodha fuq il-Fosos,
Għall-kunċert ta' Joseph Calleja,
Għax hemmhekk, minbarra l-vuċi ħelwa
Ta' dan it-tenur prim,
Ikunu jistgħu jismgħu
Ħafna kanzunetti Maltin.
U tisma' 'l dan il-ġenju Malti
Ġo pjazza hekk mimlija
Ikanta qabel kollox ... bil-lingwa Maltija.
Għax dan minbarra li huwa tenur,
Huwa ta' pajjiżna, ambaxxatur.

Missier l-għarusa jrid jagħmilha ċara
U bl-akbar saħħa qiegħed jiddikjara,
Li biex dak illi ntqal jidħol fl-azzjoni
Jeħtieġ li jagħmel din il-kundizzjoni.
Peress li dawn għarajjes, f'età venerabbi,
Li jkollhom it-tfal xejn mhu probabbli,
Il-missier iridhom jippruvaw
Li żewġt itfal ifittxu jadottaw,
Mis-Somalja, mill-Eritrea jew miċ-Ċina,
Imqar minn Iżraeli jew il-Palestina;
L-aqwa li l-missier tkun rasu kwieta
Li żgur se jkollu żewġ werrieta.

| | |
|---|---|
| ***Udjenza:*** | ***Oh xi ħlewwa ta' rigali*** |
| ***KOR:*** | ***Issa l-but għoddu*** żvojtali, |
| ***Udjenza:*** | ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,*** |
| ***KOR:*** | ***Kif fottewni... x'waħda din.*** |



L-għarus hawnhekk qed jorbot lill-għarusa
Biex kull meta huwa jersaq ħdejha,
Hija tkun fis u pronta
Twarrab is-*smartphone* minn idejha;
U meta tkun trid tgħidlu xi ħaġa ta' interess,
Tkellmu wiċċ imb'wiċċ, mhux b'*sms*.
U waqt l-ikel, toqgħod ħsiebha fil-platti
U mhux fil-*facebook* u fir-ritratti;
U meta joħroġ ma' sħabu ħa jtaffi l-istress
Ma toqgħodx issegwilu passih bil-*gps*.

Missier l-għarusa, bħala imprenditur,
Serju, onest u tal-unur;
Qed jorbot lill-għarajjes, b'dan id-dokument,
Li meta jmut jagħmlulu monument,
Xi mkien ċentrali, fil-qalb tal-gżira tagħna,
Il-Belt jew il-Furjana,
Monument grandjuż mill-isbaħ nett
Mhux pesisa bħal ta' La Vallette,
Lanqas bħal tal-Birgu b'salt figuri
Qisu presepju bil-pasturi;
Irid xi ħaġa kbira u goffa,
Bħall-monument ta' Pawlu Boffa

U issa sabiex naslu f'konklużjoni
U ntemmu lkoll flimkien din l-iskrizzjoni
Nitlob l-għarajjes sabiex jersqu 'l haw'
U bl-akbar konvinzjoni jiffirmaw;
Insejjaħ hawn ukoll liż-żewġ sinjuri:
Liż-żewġ missirijiet ... il-ġenituri,
U biex intemmu daċ-ċertifikat
Niffirma jiena wkoll, f'isem l-Istat.
U intom hawn miġbura, ħudu ħsieb
Li tkunu xhieda lkoll, kemm qraba u ħbieb;
*(lill-għarus)* Sinjur, ħoss dal-piż nobbli fuq spallejk
Pass serju bħal mhu dan teħdux bin-nejk.
*(lill-għarusa)* U inti xbejba, żewġek għandu bżonnok
Oqgħodlu ... kif lill-pa qagħditlu ommok.
U fl-aħħar nett ngħidilkom li lill-għarusa
Kulħadd għandu permess jersaq ibusha,
Imma jeħtieġ tkunu avżati:

L-għarus ma jiflaħx wisq għall-battikati,
Ħalluh bi kwietu … ma jmurx fil-Karnival,
Flok tieġ ikollna funeral.
Grazzi talli ġejtu tassistuna
U l-appoġġ kollu tagħkom hawn tagħtuna.
U jekk tridu lil dawn l-għarejjes, kollhom ħrara,
Kultant tagħmlulhom żjara;
Li biha żgur jifirħu immens,
Tistgħu tmorru tarawhom meta tridu,
Id-*Day Care Centre* ta' San Vincenz.

***Udjenza:*** ***Oh xi ħlewwa ta' rigali***
***KOR:*** ***Għal dir-rabta konjugali,***
***Udjenza:*** ***Għaliex waqt li jgerbu s-snin,***
***KOR:*** ***Lura t-tnejn jibqgħu sejrin.***
***Agħmlilhom karta –***

Agħmlilhom karta –
Agħmlilhom karta għal tax-Xjuħ.

TMIEM

© Silvana Silvatku u Karmenu-Karistu Karwana

HORIZONS